

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Mejju 2018 – Azarov vs Il-Kunsill****(Kawża T-286/18)**

(2018/C 240/60)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

*Rikorrent:* Mykola Yanovych Azarov (Kiev, l-Ukraina) (rappreżentanti: A. Egger u G. Lansky, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitolb li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla, konformement mal-Artikolu 263 TFUE, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/333 tal-5 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2018, L 63, p. 48) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2018/326 tal-5 ta' Marzu 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2018, L 63, p. 5);
- tadotta miżuri speċifiċi ta' organizzazzjoni tal-proċedura, konformement mal-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż tal-proċedura, konformement mal-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

Ir-rikorrent isostni li l-miżuri restrittivi, li diġà ġew ordnati għall-ħames darba, huma manifestament sproporzjonati.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.

Ir-rikorrent isostni li l-Kunsill ma għandux bażi fattwali suffiċjentement solida meħtieġa mill-ġurisprudenza sabiex jiddeċiedi li jestendi l-miżuri restrittivi.

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Mejju 2018 – Ir-Repubblika tal-Latvja vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-293/18)**

(2018/C 240/61)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan***Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Latvja (rappreżentanti: I. Kucina u V. Soņeca)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea